**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## FESTA TA' KRISTU RE

Il-festa liturġika ta' Kristu Re din is-sena se tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru 2016. Fiha se jsir l-għeluq tas-Sena tal-Ħniena f'quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Katidral tal-Imdina fis-6pm.

Mons. Arċisqof iħeġġeġ lil dawk kollha li jistgħu biex jieħdu sehem f'din il-Quddiesa għall-għeluq tas-Sena tal-Ħniena.

Mons. Arċisqof irid ukoll li, bi tħejjija għal dan l-avveniment, fil-knejjes kollha tal-Arċidjoċesi fejn tinżamm l-Ewkaristija ssir adorazzjoni nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru 2016.

## L-ASSEMBLEA DJOĊESANA

Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru filgħaxija u s-Sibt 19 ta' Novembru filgħodu se tiltaqa' l-Assemblea Djoċesana bit-tema 'Il-Konverżjoni għall-Pastorali tal-Ħniena'. F'din l-Assemblea, flimkien mal-Arċisqof, jiltaqgħu rappreżentanti tal-oqsma differenti tal-Knisja f'Malta. Nitolbu biex l-Assemblea Djoċesana tħalli l-frott fil-ħidma pastorali tal-Knisja f'Malta.

## ĠABRA GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

Bħal kull sena, il-Knisja qiegħda tappella għall-ġenerożità tal-membri tagħha biex jgħinuha tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex l-iskejjel tal-Knisja f'Malta jkunu jistgħu jkomplu jaqdu u jġibu 'l quddiem il-missjoni tagħhom ta' edukazzjoni ta' eluf ta' tfal u żgħażagħ.

Għal dan il-għan, il-ġbir kollu li jsir fil-quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 12 u 13 ta' dan ix-xahar, se jmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 8 ta' Novembru 2016.

**Lawrence Gatt**
Kanċillier

**Joe Galea Curmi**
Vigarju Ġenerali